MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru. 511/2005

Il-Pulizija
(Sp Chris Pullicino u Sp Norbert Ciappara)
vs
Keith Fenech, iben Anthony, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Marzu, 1980
u
Victor Abela, iben Peter, imwieled Ħal-Għaxaq fil-21 ta’ Mejju, 1966
u
Ryan Ellul, iben Francis, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Settembru, 1987
u
David Caruana, iben Francis, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Marzu, 1975
u
Mario Enriquez, iben Henry, imwieledĦal-Għaxaq fis-6 ta’ Awwissu, 1967
u

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Ġunju, 2005, għal habta tal-kwarta ta' filgħodu (0015) ġewwa Ħal-Għaxaq, xewxu ġemgħa ta' nixes, illi hekk imxewxa nġabru f'numru ta' għaxra jew aktar sabiex jagħmlu reat, liema reat fil-fatt seħħ;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nixes jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm dik il-ġemgħa ta' nixes ma ġiet imxewxa minn xi ħadd in partikolari;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kienu miġburin flimkien f'numru ta' tnax il-persuna jew aktar kontra l-liġi bi ksur tal-paċi pubblika, wara li ġew formalment imwissija jew mitluba minn awtoritajiet kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lura lejn darhom jew fuq xogħolhom, baqgħu jew issoktaw flimkien kontra l-liġi f'numru ta' tnax jew aktar għal żmien siegha wara li ġiet magħmulha dik it-twissija pubblika;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi qajjmu rewwixta jew ġlieda bil-ħsieb li jagħmlu offiża fuq il-persuna f'liema rewwixta jew ġlieda PC1094 ġie offiż fuq il-persuna;

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi mingħajr ma darbu jew sawtu, heddu bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddbuhom jew qabdu armi oħra kontra diversi persuni;

6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallewhx jew fixkluh waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlu fi dmiru, billi ma ħallewx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi;

7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għamlu xi ħaġa mingħajr liċenzja tal-awtorita' kompetenti, meta din il-liċrnzja hi meħtieġa mill-liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorita' kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bil-lejl, kisru l-mistrieħ tan-nixes bi ħsejjes jew għajjat jew ġlied, jew b'mod ieħor;
lil Mario Enriquez, Ryan Ellul u David Caruana, waħedihom –
10. talli fl-4 ta' Ġunju, 2005 għal habta tal-ħamsa ta' fil-għaxija (5.00 p.m.) ġewwa Ħal-Għaxaq volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara fuq il-faċċata tal-każin ta' Santa Marija ta' Ħal-Għaxaq, liema ħsara tammonta għal aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50) u ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm500) u li saret għad-dannu tad-diriġenti ta' l-istess każin u/jew Għaqda Mużikali Santa Marija;
lil Christopher Agius, waħdu –
11. talli fl-4 ta' Ġunju, 2005 għal habta tal-5.00 p.m. ġewwa Ħal-Għaxaq, ħebb għal Francis Gravina ta' 64 sena minn Ħal-Għaxaq u ikkaġunalu offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika t-tabib tal-Poliklinka ta' Raħal Ġdid;
12. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra Francis Gravina sabiex jiġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieġor;
lil Mario Enriquez, waħdu –
13. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 1990 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
14. talli kkometta reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża tas-16 ta' Lulju, 1998;
lil David Caruana, waħdu –
15. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Frar, 1996.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Ġunju, 2005 kien hemm il-marċ ta' fil-għaxija. Dik il-ġimgħa partikolari f'Ħal-Għaxaq kienet qed tiġi ċelebrata l-festa ta' San Ġużepp. Il-marċ kellu jispiċċa għal habta tal-11.00 p.m. iżda dak in-nhar spiċċa ftit wara. Sa dak il-ħin ma kien nqalgħu ebda nċidenti. Għandu jiġi rilevat li f'Ħal-Għaxaq hemm żewġ każini tal-banda wieħed ta' San Ġużepp u l-ieħor ta' Santa Marija. Il-pika bejn il-membri tal-każini rispettivi hi waħda feroċi u b'kumbinazzjoni ż-żewġ każini huma fl-istess triq ftit bogħod minn xulxin.

Ftit wara li spiċċa l-marċ għal habta tal-kwarta ta' fil-għodu tal-4 ta' ġunju, 2005 instemgħa daqq ta' horns ġejjien mid-direzzjoni tal-għassa ta' Ħal-Għaxaq. Fil-fatt, kien hemm van li kellu statwa. Din l-istatwa partikolari kienet qed issir Għawdex u kellha tkun lesta fil-ġranet ta' qabel iżda fil-fatt kienet inġiebet fit-3 ta' ġunju, 2005 tard wara nofs in-nhar meta l-amrċ kien beda u għalhekk ma setgħetx titqiegħed f'postha.

L-ispettur tal-pulizija li kien fuq il-post ta' ordni lil tal-van biex jieqaf u ma jgħaddi minn hemm għaliex it-triq kienet magħluqa. Tal-van, persuna li qatt ma ġiet identifikata, ma tax każ u baqa' għaddej bil-mod. Hekk kif wasal quddiem il-każin ta' Santa Marija, persuna mhux magħrufa xeħtet fliexkun fid-direzzjoni tal-van u minn hemm inqala kaos sħiħ bit-tfiegħ ta flieken u tazzez miż-żewġ naħat, jiġifieri miż-żewġ każini.

Illi konsegwenza ta' dan il-fatt kuntistabbli tal-pulizija ġarrab feriti ta' natura gravi meta ntlaqgħat f'wiċċu minn fliexkun. Ħadd ma ġie identifikat għal dan il-fatt.

Illi l-imputati kollha ġew akkużati b’sensiela ta’ reati iżda mill-provi prodotti ma hemm ebda prova li torbothom mar-reati askritti, b’eċċezzjoni waħda li tirrigwarda l-imputat Christopher Agius.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-4 ta’ ġunju, 2005 għal habta tal-5.00 p.m. Christopher Agius ta daqqa ta’ ponn lil Francis Gravina u ikkaġunalu ferita ta’ natura ħafifa. Jirrizulta wkoll li fil-mori ta’ din il-kawża Francis Gravina ħafer lill-imputat Christopher Agius u irtira l-istess akkuża.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati kollha ħatja tal-akkużi miħjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.  Fil-konfront ta’ Christopher Agius tiddikjara l-proċediment eżawrit b’referenza għall-akkuża miġjuba kontrih biss.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------